MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 928/2006

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Roderick u Josette mizzewgin Mallia**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permess tieghu ppremettew illi:

1. Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f`zewg kuntratti datati fid-19 ta` Awissu, 1997 u fit-3 ta` Lulju, 1998 in atti Nutar Dottor John Gambin (Dok. A u B), kif ukoll l-iskrittura privata datata 13 ta` Settembru, 1999 (Dok. C), is-socjeta` attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil konvenuti Roderick u Josette mizzewgin Mallia.

2. Is-socjeta` attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Roderick u Josette mizzewgin Mallia fis-somma ta` tnejn u erbghin elf, sitta u tmenin liri Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm42,086.33) bilanc ghad-debitu fil-*Loan u l-Overdraft Accounts”* ta` Roderick u Josette mizzewgin Mallia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. *“D1 sa D3”* u *“E”* u *“F1 sa F150”*) flimkien ma` l-imghax ulterjuri mit-30 ta` Settembru, 2006 sad-data ta` l-effettiv pagament.;

3. Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument “A”, “B” u “C”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Roderick u Josette mizzewgin Mallia;

(A) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skrittura privata, (b) kienu inadempjenti f`obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta` l-istess konvenuti Roderick u Josette mizzewgin Mallia li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta` l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

4. L-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Il-konvenuti gew interpellati permezz ta` ittra ufficcjali datata 22 ta` Gunju, 2004 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok. “G”, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Talbu lill-intimati jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u l-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument “A”, “B” u “C”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Roderick u Josette mizzewgin Mallia (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skrittura, (b) kienu inadempjenti

f`obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta` l-istess konvenut Roderick u Josette mizzewgin Mallia li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta` l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici, u

2. Tikkundanna lil Roderick u Josette mizzewgin Mallia jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta` tnejn u erbghin elf, sitta u tmenin liri Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm42,086.33) bilanc ghad-debitu fil-*"Loan u l-Overdraft Accounts"* ta` Roderick u Josette mizzewgin Mallia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. *"D1 sa D3"*, *"E"* u *"F1 sa F150"*) flimkien ma` l-imghax ulterjuri mit-30 ta` Settembru, 2006 sad-data ta` l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta` l-ittra ufficjali datata 22 ta` Gunju, 1994 u tal-Mandat ta` Sekwestru li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat li ghalkemm debitament notifikati, il-konvenuti ma pprezentaw ebda risposta.

Semghet ix-xhud prodott.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tilqa` t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti kif dedotti fir-rikors promotur.

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------